MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 139/2011

**Advance Shipping Limited**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Advance Shipping Limited prezentat fil-15 ta` Frar 2011 ai termini tal-**Art.214(1)(a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

*Illi l-locus standi tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-artikolu 218 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-kumpannija Advance Shipping Limited giet kostitwita fil-5 ta` Mejju 1995 (Dokument "A") u kopja ta` l-istatut ta` Advance Shipping Limited jinsab hawn anness u mmarkat Dokument "B".*

*Illi l-kumpannija rikorrenti tikkonferma illi fis-26 ta` Awissu 2010 ttiehdet risoluzzjoni straordinarja ta` l-istess kumpannija rikorrenti Advance Shipping Limited (Dokument "C") permezz ta` liema, b`vot unanimu gie deciz li l-imsemmija kumpannija tigi stralcjata u xjolta minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi din ir-rizoluzzjoni (Dok "C") tal-kumpannija rikorrenti ttiehdet ai termini ta` l-Artikolu 214(1)(a) u giet approvata mill-azzjonisti kollha ta` l-istess kumpannija (liema azzjonisti jirrizultaw mill-Form T datata 21 ta` Awwissu 2000 li hija inkluza fl-anness Dok.B).*

*Illi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 214(1)(a) galadarba l-kumpannija tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, il-kumpannija ghandha xxolji u konsegwentement tigi stralcjata u ghalhekk il-qorti ghandha tordna tali xoljiment u stralc.*

*Ghaldaqstant abbazi tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, in vista tal-fatt li ttiehdet rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija rikorrenti li din ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, tordna illi l-kumpannija Advance Shipping Limited (C18421) tigi xjolta u konsegwentement stralcjata minn din l-Onorabbli Qorti u dan abbazi ta` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat ic-certifikat ta` inkorporazzjoni tal-kumpannija rikorrenti (Dok A), l-atti socjetarji taghha kif jirrizultaw

registrati mar-Registratur tal-Kumpanniji (Dok B), u kopja tar-rizoluzzjoni straordinarja fuq riferita (Dok C) li kienu lkoll prezentati mar-rikors promotorju.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Joseph German (Dok E) u x-xhieda bl-affidavit ta` Pierre Sladden (Dok F) li kienu wkoll prezentati flimkien mar-rikors promotorju.

Rat il-*Good Standing Certificate* (Dok CV1) rilaxxjat mir-Registratur tal-Kumpanniji li kien esebit fil-mori tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` April 2011 fejn halliet il-kawza ghall-provvediment ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-stralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art.214(1) (a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*(1) A company shall be dissolved and consequently wound up in the following cases –*

*(a) the company has by extraordinary resolution resolved that the company be dissolved and consequently wound up by the court*

Il-kumpannija rikorrenti qeghda tghid li ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218 tal-Kap.386**. Skond din id-disposizzjoni, talba ghal stralc ta` kumpannija mill-qorti skond l-artikolu **214(1)(*a*)** ghandha ssir b`rikors li jista` jsir **jew** mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali **jew** mill-bord tad-diretturi taghha **jew** minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, **jew** minn xi kontributorju jew kontributorji. Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija qeghda tghid li qeghda tipprezenta dan ir-rikors wara decizjoni tal-laqgha generali.

Ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art. 218(8)** tal-Kap.386.

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta l-kumpannija rikorrenti giet registrata fil-5 ta` Mejju 1995 (Dok A).

Mill-atti socjetarji ufficjali (Dok B) jirrizulta li l-ewwel mill-*object clauses* tal-kumpannija kien *to carry on trade of shipping agents, freight forwarders and custom clearance.* L-*authorised share capital* kien ta` ghaxart elef (10,000) sehem ordinarju b`valur ta` lira Maltija (Lm 1) kull sehem. L-*issued share capital* taghha kien ta` tlitt elef (3000) sehem b`valur ta` lira Maltija (Lm 1) kull sehem u kien *fully paid up*.

Meta l-kumpannija kienet kostitwita, l-azzjonisti ma kienux dawk tal-lum.
Mid-diretturi tal-bidu, Joseph German ghadu direttur sal-lum. Id-direttur l-iehor tal-lum huwa Pierre Sladden. Skond Dok PS1, l-azzjonisti huma l-kumpannija Freight Holdings Ltd (C22493) li tippossjedi elfejn disa` mija u disgha u disghin (2999) sehem u Joseph German li jippossjedi sehem wiehed (1).
Hekk jirrizulta wkoll mill-*Good Standing Certificate* (Dok CBV1) rilaxxjat mir-Registratur tal-Kumpanniji. Minn Dok PS2, jirrizulta li Joseph German u Pierre Sladden huma wkoll diretturi ta` Freight Holdings Ltd.

Jirrizulta li fis-26 ta` Awissu 2010 saret laqgha generali straordinarja ta` Advance Shipping Limited fejn l-azzjonisti approvaw **unanimament** ix-xoljiment u stralc tal-kumpannija (Dok C). Fir-rizoluzzjoni kienu ndikati r-ragunijiet li wasslu sabiex tigi approvata r-rizoluzzjoni.

Fl-affidavit tieghu, Joseph German *inter alia* jixhed hekk –

*Ghal habta ta` Awissu 2008 kien beda xi disgwid bejn l-azzjonisti tal-kumpannija … Meta rajna li ma stajniex inkomplu ghaliex kien hemm opinjonijiet differenti bejn l-azzjonisti ahhara tal-kumpannija iddecidejna li ma nibqghux noperaw. Fil-fatt fil-bidu ta` Frar 2009 il-kumpannija waqfet kompletament u ghalaqna ghal kollox il-bibien … ppruvajna nigbru kemm jista` jkun flus minghand id-debituri tal-kumpannija. Meta rajna li ma stajniex inhallsu l-kredituri ddecidejna li nitfghu l-kumpannija f`liquidation.*

Fl-istess sens xehed Pierre Sladden fl-affidavit tieghu.

**Ikkunsidrat :**

L-**Art.214** jirregola x-xoljiment u l-konsegwenti stralc ta` kumpanniji skond il-Kap.386.

Issa hemm kazi stipulati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ghandhom (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc jistghu (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**). Dak tal-lum m`huwiex wiehed minnhom *ghalkemm* isir accenn ghas-sitwazzjonijiet kontemplati mill-provvedimenti tal-ligi f`dak il-kuntest.

Is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

Billi l-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq l-Art.214(1)(a) sabiex issostni l-kaz taghha, din il-Qorti trid taghmel riferenza ghall-Art.214(6) tal-Kap.386 li jaqra hekk –

*Where a company has passed a resolution in accordance with subarticle (1)(a) it shall be required to give the notice specified in article 265(1) and subarticle (2) thereof shall apply.*

Ghall-fini tal-procedura tal-lum, mhux rilevanti dak li jahseb ghalih l-**Art.265** tal-Kap.386.

**Ikkunsidrat :**

Kollox meqjus, fl-assjem tieghu, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li l-kumpannija rikorrenti ottemperat ruhha ma` dak li kien minnha pretiz skond l-Art.214(1)(a) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti kif gej –**

**1) Tghid illi dak li jipprovdi l-Art.214(1)(a) tal-Kap.386 ghandu jghodd fir-rigward ta` dak li ghamlet il-kumpannija Advance Shipping Limited (C18421) fil-kaz tal-lum.**

**2) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Advance Shipping Limited (C18421) b`effett mil-lum.**

**3) Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet li huma definiti skond dak li jipprovdi l-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**4) L-ispejjez ta` dan il-procediment jithallsu intierament mill-kumpannija rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------